



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

9.2.2011

B7-0107/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni  
skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-liġi dwar il-midja fl-Ungerija

**Lothar Bisky, Rui Tavares, Eva-Britt Svensson, Patrick Le Hyaric, Willy Meyer, Jean-Luc Mélenchon, Jürgen Klute, Nikolaos Chountis, Marie-Christine Vergiat**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

RE\856686MT.doc

PE459.639v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-liġi dwar il-midja fl-Ungerija**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>2</sup> u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem<sup>3</sup> u b'mod partikolari l-artikoli tagħhom b'raba mar-rispett, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u b'mod partikolari d-dritt għall-pluraliżmu tal-midja,
  - wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva – AMSD),
  - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar il-pluraliżmu tal-midja fl-Istati Membri tal-UE (SEC(2007)0032), l-'approċċ fi tliet stadji għall-pluraliżmu tal-midja' kif definit mill-Kummissjoni u l-istudju indipendenti mwettaq f'isem il-Kummissjoni u ffinalizzat fl-2009,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Settembru 2008 dwar il-konċentrazzjoni u l-pluraliżmu tal-midja fl-Unjoni Ewropea, u tat-22 ta' April 2004 dwar ir-riskji ta' ksur tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari fl-Italja,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni u l-mistoqsijiet parlamentari mressqa u dibattiti li saru fil-Parlament Ewropew fit-8 ta' Ottubru 2009 u fit-8 ta' Settembru 2010 u fil-Kumitat LIBE fis-17 ta' Jannar 2011,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni Ewropea għandha tiggarrantixxi u tippromwovi l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li għalihom il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu huma prerekwiżit essenzjali, u billi dawn id-drittijiet jinkludu l-libertà li wieħed jesprimi fehmto u l-libertà li wieħed jirċievi jew jikkomunika informazzjoni mingħajr indħil jew pressjoni min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi,
- B. billi l-pluraliżmu u l-libertà tal-midja għadhom kawża ta' tħassib serju fl-UE u l-Istati Membri tagħha, kif enfasizzat mill-kritika reċenti tal-liġijiet dwar il-midja fl-Ungerija introdotti bejn Ġunju u Diċembru 2010, kif espressa mill-organizzazzjonijiet

---

<sup>1</sup> B'mod partikolari l-Artikolu 2 TUE u dawk rigward ir-rispett lejn, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u l-Artikoli 11, 25, 49, 56, 103, 107, 114 u 167 tat-Trattat KE.

<sup>2</sup> B'mod partikolari l-Artikolu 11.

<sup>3</sup> B'mod partikolari l-Artikolu 10.

internazzjonali, bħall-OSKE u l-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem, organizzazzjonijiet professjonali tal-ġurnalisti, edituri u pubblikaturi, u NGOs tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili, kif ukoll l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea,

- C. billi l-Kummissjoni qajmet dubji u talbet informazzjoni lill-Gvern Ungeriż dwar il-konformità tal-liġijiet Ungeriżi dwar il-midja mal-AMSD, partikolarment fir-rigward tal-obbligu ta' rappurtaġġ bilanċjat applikabbli għall-fornituri kollha ta' servizzi tal-midja awdjoviżiva, il-prinċipju tal-pajjiż tal-orijini, u r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni, u billi l-Gvern Ungeriż wieġeb billi pprova aktar informazzjoni u billi ddikjara r-rieda tiegħu li jerġa' jeżamina l-liġijiet u jemendahom,
- D. billi l-OSKE esprimiet dubji serji rigward l-ambitu tar-regolament (ambitu materjali u territorjali), ir-regolamentazzjoni tal-kontenut u tal-libertà tal-espressjoni, l-awtorità nazzjonali tal-midja u t-telekomunikazzjoni, ix-xandir pubbliku<sup>1</sup>, u indikat li l-leġislazzjoni l-ġdida tipperikola l-pluraliżmu tal-midja, tabolixxi l-indipendenza politika u finanzjarja tal-midja pubblika, tikkonsolida l-karatteristiċi negattivi għall-midja ħielsa għall-futur imbiegħed, li l-Awtorità tal-Midja u l-Kunsill huma politikament omoġenji<sup>2</sup> u jeżerċitaw kontroll politiku ċentralizzat u governattiv fuq il-midja kollha; preokkupazzjonijiet oħra huma s-sanzjonijiet sproporzjonati u ħorox għal raġunijiet dibattibbli u mhux definiti, in-nuqqas ta' sospensjoni awtomatika tas-sanzjonijiet f'każ ta' appell lill-qrati kontra sanzjoni minn Awtorità tal-Midja, il-ksur tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ġurnalistiċi, il-ħarsien tal-valuri tal-familja, fost oħrajn,
- E. billi l-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem talab lill-awtoritajiet tal-Ungerija biex jinkorporaw l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu tal-midja fir-reviżjoni tal-liġijiet dwar il-midja tagħha, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kumitat tal-Ministri u tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u b'mod partikolari l-istandards vinkolanti inklużi fil-QEDB u fil-każistika tal-Qorti ta' Strasburgu; irrefera għall-użu ta' definizzjonijiet mhux ċari li jistgħu jiġu miżinterpretati; il-ħolqien ta' makkinarju regolatorju politikament żbilanċjat b'setgħat sproporzjonati u b'nuqqas ta' superviżjoni ġudizzjarja sħiħa; theddid għall-indipendenza tal-midja tax-xandir pubbliku; u t-għawwir tal-protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti; billi enfasizza l-ħtieġa għall-partijiet interessati kollha, inklużi l-partiti tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili, li jitħallew jipparteċipaw b'mod sinifikanti fir-rieżami tal-leġislazzjoni li tirregola aspett daqstant fundamentali fil-funzjonament ta' soċjetà demokratika<sup>3</sup>,
- F. billi l-liġijiet tal-midja konsegwentement għandhom jiġu riveduti urġentement abbażi tal-kummenti u l-proposti tal-Kummissjoni, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa, biex tkun żgurata l-konformità sħiħa mal-liġi tal-UE u l-valuri u l-istandards Ewropej dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja,

<sup>1</sup> Analiżi u valutazzjoni ta' pakkett ta' leġislazzjoni Ungeriża u ta' abbozz ta' leġislazzjoni dwar il-midja u t-telekomunikazzjoni, imħejjija minn Dr Karol Jakubowicz għall-OSKE.

<sup>2</sup> Ittra mir-Rappreżentant tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja lill-President tal-Kumitat LIBE tal-PE, 14.01.2010.

<sup>3</sup> [http://www.coe.int/t/commissioner/News/2011/110201Hungary\\_en.asp](http://www.coe.int/t/commissioner/News/2011/110201Hungary_en.asp)

1. Huwa tal-fehma li l-liġi Ungeriża dwar il-midja ma tiggarrantix b'mod xieraq il-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu kif ukoll li r-regolamentazzjoni żejda tal-midja hija kontroproduttiva għall-eżistenza ta' pluraliżmu effikaċi fil-qasam pubbliku;
2. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jiggarrantixxu effettivament il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;
3. Jitlob lill-awtoritajiet Ungeriżi biex jew jirtiraw inkella jemendaw sostanzjalment il-liġi abbażi tal-kummenti u l-proposti min-naħa tal-OSKE, il-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kunsill tal-Ministri u l-ġurisprudenza tal-QEDB u permezz ta' dibattitu miftuħ u trasparenti li jinkludi lill-partijiet interessati, lill-NGOs u liċ-ċittadini kollha;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tipproċedi bl-investigazzjonijiet bir-reqqa tagħha b'mod rapidu u f'waqtu, u tistabbilixxi skeda ta' żmien li fih hija mistenija tippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tagħha rigward l-allinjament tal-liġijiet Ungeriżi dwar il-midja mal-leġiżlazzjoni Ewropea;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiffissa skadenza stretta biex il-proposti tagħha jiġu adottati mill-awtoritajiet Ungeriżi biex tinbidel il-liġi dwar il-punti mqajma minnha, u f'każ li l-iskadenza ma tinżammx, għandha tipproċedi bi proċedura ta' ksur;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi dibattitu dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja qabel tmiem is-sena bil-għan li jingħelbu l-inadegwatezzi tal-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar il-midja, sabiex tal-anqas jiġu definiti l-istandards minimi li l-Istati Membri kollha jridu jirrispettaw biex jiżguraw, jiggarrantixxu u jippromwovu l-libertà tal-informazzjoni u pluraliżmu effikaċi tal-midja;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-Kumitat tiegħu għal-Libertajiet Ċivili biex jorganizza malajr smiġħ dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-UE filwaqt li jistieden lill-organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti u ċ-ċittadini, lill-OSKE, u lill-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri, lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u lill-OSKE.